# CETTA L-INTERNAZZJONAL

## ESSAY NARRATTIV

*ta'* WALLACE Ph. GULIA

Lil Ċetta l-Internazzjonal ma ridtx taraha meta kellha ħamsa u sittin sena. Sa dak in-nhar, iż-żmien kien ilu li ġarra mal-wied tiegħu. Wiċċha kien tqadded, u tkemmex; il-mixja, li dari kienet hekk dritta li minn kull fejn kienet tgħaddi kont tisma' tisfira twila twila erba' kantunieri, kienet tgħawġet għax sieqha x-xellugija kienet żammitilha meta kellha mal-ħamsin sena; u l-erbatax-il tarbija, li kienet xtrat fi żmienha, kienu kollha ħallew fuqha għeliem li ma jaħfruha lil ħadd. Fil-bidu kienet żarmat mis-snien; imbagħad xagħarha kien ħfefilha u meta kienet toqgħod fix-xemx, minn bejn ix-xagħar kienet tidher il-qorriegħa ta' rasha.

Imma meta kellha wieħed u għoxrin sena kienet l-għaxqa tas-Siġġiewi fejn kienet twieldet u trabbiet; ħaddejha ħomor, xagħarha qamħet il-lewn; twila twila u rqiqa rqiqa, kienet l-għira tat-tfajliet sħabha kollha. Fuq kollox kienet taf tmur wisq man-nies, taf tħenn u tisma' u tidħak għal kull ħaġa ta' xejn.

Kellha ġuvintur għal warajha daqs ix-xagħar ta' rasha. Ma setax jonqos! Imma ħej!, Ċetta ma kenitx intelqet malajr malajr. Kienet taf xi trid; u ma kenitx bi ħsiebha titqanna bl-ewwel wieħed li jfettillu jdaħħal f'rasu l-fellus tal-ġmiel tagħha.

Dik il-ħabta, qabel l-ewwel gwerra kbira, f'Malta kien hawn ħafna flieles fuq it-Taljani, billi konna niftaħru b'qoxra jew tiċliqa ta' kultura Taljana. U Ċetta, li kellha l-ġmiel jaqlagħha, kienet twebblet bl-ikraħ li ma' Malti ma kenitx tista' ssib xortiha, u kieku xtaqet tista' tgħaddi minn nofs ir-raħal tagħha kburija li rnexxielha tisraq il-qalb ta' frustier; u dan il-frustier, dik il-ħabta, Taljan, jew Sqalli seta' jkun! U fid-dinja mhux hekk jiġri? Min jinkaram għal ħaġa u jkun imħejji jistenna sakemm isseħħ, fl-aħħar jasal biex jaqta' xewqtu, imqar li kien l-ilma jiżfen. Kif jgħidu l-Ingliżi, "*Where there is a will there is a way.*" U darba minnhom daħal il-Port il-Kbir bastiment Taljan u l-baħrin niżlu jagħmlu erba' passi u jimirħu ftit fil-"*fior del mondo*". Wieħed minnhom wasal sas-Siġġiewi u lemaħ lil Ċetta għaddejja għal għonq it-triq. Qalb Ċetta ħabbtet sitta, sitta. "Tgħid hawn hu?" Xeħtet ħarsitha f'ħarstu u ma ħarkitħiex. L-Isqalli, għax Sqalli kien, ma ddejjaqx; tridx tmur! tfajla bħal dik, u hu ilu sajjem dawk it-tliet ġimgħat! ħass id-demm tiela' għal rasu u biex ma ntawwalx, f'kemm ili ngħidlek, resaq fuqha; kellimha u dak in-nhar ħarġu flimkien.

Xi kelma bit-Taljan ħażin ħażin kienet tfarrak ukoll Ċetta ta' Zizi (għax dik il-ħabta hekk kienu jsibuha fir-raħal tagħha). Kienet marret l-iskola tal-Gvern u lventa lventa, tgħallmet kull ma setgħet, u l-*pari pass* swielha xi ħaġa; għax almenu, "*Come sta?*" kienet taf tgħidha kemm kemm mhux aħjar mit-tifrik Sqalli li Renzo ta' qalbha kien ifajjar. Imbagħad għalkemm dik il-ħabta ma kienx hawn ir-radjijiet, u t-*television*, u d-diski u t-*transistors* li hawn illum, il-kelma "*amore*" kienet taf xi tfisser tajjeb; u l-"*amore*" ma għandux ħtieġa ta' kliem żejjed, għax ngħiduha kif inhi, tista' tgħid aħjar bla kliem milli bil-kliem. Fi tliet xhur barmitu lil Renzo, li kien ferħan b'Concettina tiegħu kif qatt qabel ma kien ferah b'ħadd. Ċetta tagħna kienet ferħana mhux għax kienet sabet paladin ta' ġuvni, iżda wkoll għax kien isejħilha Concettina quddiem in-nies; kellu xogħol regolari u għalhekk serħet rasha li tul ħajjitha ma kenitx sejra tkun nieqsa; u wkoll, billi kienet tħoss li qiegħda tagħmel bħall-puliti tieħu Sqalli (għaliha Taljan) flok Malti!

Bdew ġejjin it-trabi; fi ħmistax-il sena żwieġ xtrat tnax: għaxra mal-ħajjin u tnejn imwittijin. U xi ħlew! kienet tkellimhom bit-Taljan, u Alla jħares! xi ħadd minnhom kien jgħid xi kelma bil-Malti, għax ma kenitx taħsibha darbtejn biex tibagħtu jorqod mingħajr ikel. Il-ftit Taljan li kienet taf, bil-prattika ma' Renzo, kien twessa' ġmielu, u ħelu ħelu beda jiddennes bl-Isqalli. Hekk li meta kien igħaddi l-Kappillan għal xi ħaġa bil-kemm kien ikollu l-ħila jitħaddet magħha u ma' wliedha u, tgħidx il-kappillan miskin!, kemm tħabat biex wassal lil uliedha għall-Ewwel Tqarbina tagħhom! Għax Ċetta ma kellhiex żejt f'wiċċha; ma kenitx taħseb li f'rasha kellha biss taħwida ta' ilsna u djaletti; kienet tgħid li min jitħaddet magħha lanqas biss ma kien jaf jitħaddet bit-Taljan; mhux bħalha... li kienet telgħet it-taraġ tal-puliti!

Iżda l-ġejjieni ktieb magħluq għal kulħadd: għalkemm qabel iżżewwġet kienet għamlet il-kontijiet tagħha dwar il-għajxien, iż-żmien li jħobb isawwat u joħroġ bis-sorpriżi, ħarbat il-pjanijiet ta' Ċetta wara ħmistax-il sena żwieġ. Darba meta żewġha kien ilu nieqes fuq ix-xahrejn — ħaġa li ma kienet ħassbitha xejn lil Ċetta avolja Frar dik is-sena kien qalil bil-grigalati mxajtna tiegħu — waslitilha ittra minn għand il-konslu Taljan fejn, b'ħafna aġġettivi wieħed isbaħ mill-ieħor, fissrulha li żewġha kien inġarr il-baħar f'maltempata qalila u li għalhekk kien mitluf u ta' min jifhem li kien miet mgħarraq.

Ċetta taha ferħ ta' ġenn, uliedha jiġru ma' saqajha bdew iwer-żqu iktar minnha, u li kieku ma kenitx traġedja, kien jagħtik id-daħk, taraha f'dik is-sura tfarrak bit-Taljan, bl-Isqalli u bil-Malti f'daqqa waħda.

Iż-żmien iweġġa', imma mbagħad inissi u Ċetta kellha l-kuraġġ ta' għaxra minn nies......; ma kienet tibża' minn xejn u daħlet għaddeffa; wara li kielet flimkien ma' wliedha s-somma żgħira li kienu ħarġulha, daħlet ħassiela man-nies, u kulħadd kien irídha miegħu għax kienet taħdem daqs barklor fil-baħar qawwi; kienet nadifa xammiema; u jekk kienet trid titħallas tajjeb, kienet tagħti xogħol wisq aħjar mill-paga ċkejkna li kienu jagħtuha; meta kienu jaraw hekk, in-nies li kienet tkun magħhom jekk ma kenux iżiduha fil-paga, xi ħaġa żejda kienu dejjem jagħtuha magħha wara jum xogħol għal uliedha; daqqa platt ikel tajjeb, daqqa qalziet ftit mgħarraq; daqqa libsa, daqqa par żarbun; u r-rota ddur u l-Bambin jipprovdi. F'dan iż-żmien Ċetta ħasset il-Providenza b'idejha tabilħaqq!

Ċetta li moħħha dejjem kien jara ċar daqs il-kristall mill-ewwel intebhet li kien ikun fl-aqwa ġid ta' wliedha li kieku hija kellha terġa' tiżżewweġ; imma armla b'għaxart itfal, min kien ser jidħol għaliha? Imbagħad kienet għadha tal-fehma li b'Maltin ma tridx taf u li kienet tkun sabta kbira wisq biex minn Taljan taqa' għal Malti. Għalhekk taħdem dejjem u wiċċ ma tagħti lil ħadd. Għax għalkemm kienet rat ħafna, kienet għadha tgħaddi tajjeb ukoll u minn żmien għal żmien kienet tara lil xi ħadd jixħet għajnejh lejha. Iżda dik il-ħabta, "Fix-xogħol biss moħħi," kienet tgħid; imbagħad f'qalbha wkoll kienet tara li Alfredo tagħha — it-tifel il-kbir — diġà kien beda jitfarfar ġmielu u kienet temmen li huwa kien bil-galbu biżżejjed biex jieħu ħsieb ħutu kieku tiġi nieqsa hi. Imbagħad "Dan l-ixkiel x'irridu ma' saqajja!"

Meta kienet ilha armla xi ħames snin, daħlet ħassiela man-N.A.A.F.I. Kif jaf kulħadd, sa għoxrin sena fuq l-ewwel gwerra kbira, l-Ingliż bil-morr u bil-ħelu, tista' tgħid kien ħa post l-ilsien Taljan f'Malta. Ċetta li dejjem kienet tinqala' bdiet tvara xi kelma bl-Ingliż ukoll; u meta bagħtu għaliha tan-N.A.A.F.I., ma sabithiex bi tqila biex tfarrak xi tnejn bl-Ingliż, flimkien mal-Malti-Sqalli taljanizzat tagħha. Imbagħad il-Bambin ilaqqa', u fuq ix-xogħol il-taqgħet darba, tnejn, tlieta, ma' baħri Irlandiż li kien qorob il-ħamsa u erbgħin u għalhekk ma rahiex bi kbira li jħares lejn mara ta' 'l fuq mill-ħamsa u tletin; u kif diġà għidna, Ċetta kienet għadha ġġibhom tajjeb.

Il-flieles ta' dari dwar Taljani u Maltin issa nbidlu fil-flieles tal-lum, dwar Ingliżi u Maltin; imbagħad lil uliedha kienet tħobbhom u ntebhet mill-ewwel li lil Johnny il-Bambin kien qalgħu biex igħinha tieħu ħsieb uliedha, u x-xogħol kien beda jdejjaqha. Terġa', bejn Renzo u Johnny kien hemm dan ix-xebh: li t-tnejn kienu baħrin, u fuq il-baħar kienet taf titkellem ħafna. Is-sengħa ta' l-imħabba għaliha kienet logħba li tiġi żuffjettata u f'xahar żmien kien offrielha li

jiżżewwiġha, u balleċ! fi tliet xhur kienet reġġhet għamlitha, u tgħidx kemm kienet ferħana li Renzo tagħha kien qisu ġie għat-tieġ huwa wkoll, billi l-aħħar żewġ uliedhom kienu "*page-boys*" fit-tieġ ta' Ċetta l-Internazzjonal.

Kien minn hawn li lil Ċetta bdew isibuha b'dak il-laqam. Kieku għamlet li setgħet biex issir Connie, imma għalxejn. Johnny ikkuntentaha, imma sħabha laqamha bidlulha u mhux isimha. Imma lil sħabha kienet għad trid tissorprendihom iktar 'il quddiem ukoll.

Johnny taha żewġt itfal għajnejhom żoroq u xagħarhom isfar u lil dawn Ċetta kellmithom bl-Ingliż biss, u kif mal-oħrajn kienet għadha titkellem bit-Taljan imfarrak biss, lil dawn kienet tkellimhom bl-Ingliż imfarrak biss, hekk li l-ulied ta' l-ewwel żwieġ u dawk tat-tieni ma kenux jiftehmu bejniethom; u kultant tinqala' fid-dar tagħha taħwida nobis, xi ħaġa bħal ma ġara kif jgħidu l-Kotba Mqaddsa meta nbena t-torri ta' Babel.

Imbagħad faqqgħet il-gwerra u Johnny tagħha tista' tgħid li għosfor u wara xi tlieta jew erba' snin waslitilha ittra fejn qalulha li l-bastiment ta' żewġha kien għereq u li ma kienx hemm tama li Johnny kien għadu ħaj. Tassew li l-arloġġ ta' ħajjitha kien qisu reġa' dar dawra sħiħa.

Biss tajjeb jew ħażin, taħt l-irdum tal-bombi kull ħadd għex ġo Malta u minn daqshekk Ċetta l-Internazzjonal ma ħabbletx rasha żżejjed. It-tieni żwieġ tagħha ma kienx xi żwieġ ta' Romeo u Ġuljetta; u traġiku kemm kien traġiku t-tmiem tiegħu kienet diġà ġarrbet bħalu fl-istess traġedja qabel, u fid-dinja kollox jindara; hawn min jgħid li s-swat ukoll jindara! Wara li għamlet xi ġimagħtejn tnewwaħ reġgħet bdiet tinsa u bdiet iktar toqgħod attenta li lil tat-Taljan tkellimhom bl-Isqalli mfarrak u lil ta' l-Irlandiż tkellimhom bl-Ingliż imfarrak. U hekk minn jum għal ieħor il-ħajja baqgħet għaddejja għall-ħajjin u iktar ma ġerrbet aktar il-mejtin bdew jintsew għax, kif igħid il-Malti, "Il-mejjet ras ma' ras, u l-ħaj irid l-għarras."

Imbagħad il-ħajja ħadet xeħta ħażina sew għal Ċetta l-Internazzjonal. Il-laqam il-ġdid tagħha beda jogħġobha, u bdiet taħrab xi ħarba biex tkun denja ta' laqamha. U f'dawk iż-żmenijiet ta' qilla, Malta rat xmara ta' żgħażagħ minn pajjiżi differenti għaddejjin minn fuqha fl-aqwa ta' ħajjithom. L-okkażjonijiet ma naqsux u Ċetta ħatfithom.

Meta spiċċat il-gwerra, u t-tfal il-kbar tat-Taljan bdew jaħdmu u jaqilgħu xi sold ukoll, darba minnhom meta stenbħet fil-għodu sabitha ftit iebsa u ma tistax titkellem. Ġie t-tabib, ħaduha l-Isptar u sabu li tul il-lejl kien għadda minn fuqha riħ ta' puplesija. Miskina Ċetta tatha rasha mħabba wliedha, imma bil-ftit il-ftit bdiet

gejja, xi pass bdiet tagħmel u idejha bdiet tħarrikhom! Biss ilsienha baqa' iebes u meta ħarġet mill-isptar biex tmur id-dar, Alla jbierek, kien qisu ma ġralha xejn ħlief li kienet tilfet il-kliem u baqgħet tkaxkar xi ftit saqajha x-xellugija warajha. U tiskanta kif baqgħet ma tista' tgħid l-ebda kelma jew tifhem id-diskors li kienu jgħidulha la bil-Malti, la bl-Ingliż u lanqas bit-Taljan jew bl-Isqalli. Żewġ kelmiet biss kienet taf tgħid u tifhem: "bil-ġuħ u bil-għatx". Mill-bqija, l-ilsna kollha li kienet tħobb tiftaħar bihom ma' min kien jaf inqas minnha, insiethom u ma' wliedha setgħet titkellem biss bil-Malti, u mbagħad mhux il-Malti kollu, iżda biss "bil-ġuħ u bil-għatx" — U għandek tgħid mn'Alla li kien hekk għax kieku wliedha li jitkellmu l-Malti-Sqalli u l-oħrajn li jitkellmu l-Ingliż imfarrak lanqas ma kienu jaslu biex jifhmuha.

Imma n-nies, li l-Bambin jeħilsek minn ilsienhom, meta rawha f'dak l-istat, ma qalux li dan kien imħabba l-marda tagħha! Imma biex jiddieħku biha malajr xandruha li l-ilsna li bihom kienet tit-kellem fid-dar ħadulha rasha u ġerfxuha. Għalhekk Ċetta l-Internazzjonal fir-raħal tagħha baqgħet bħala twiddiba kontra dawk kollha li jitħajru jitgħallmu ilsna barranin u jipprattikawhom. Miskina Ċetta l-Internazzjonal! Illum tinsab miġbura ma' bintha Margerita u tigik ħniena taraha tħabat biex fl-aħħar mill-aħħar ma tgħid xejn ħlief "bil-ġuħ" jew "bil-għatx".